TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 168/15-F

**Philip Cascun**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Settembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tlieta u tletin ewro (€33), rappreżentanti *double payment.*

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kien itteħidlu *double payment* tal-kont tiegħu minħabba illi jidher li tħallas darbtejn.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi minħabba li bidlu d-data tal-pagament ta' *standing order*, dana sar xi tfixkil propju u minn darba ma kienx hemm biżżejjed biex jitħallas l-i*standing order* pero' ħaduh aktar tard.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li spezzjona anke l-kont bankarju, jinnota li ġara dak li qed jingħad.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888